**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Numru: 256 / 2012**

Il-Pulizija

vs

Saviour Cachia

Illum, 28 ta' Frar, 2023,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant **Saviour Cachia**, iben Anthony Cachia u Vincenza *nee'* Schembri, mwieled il-Pieta' , nhar il-31 ta' Mejju, 1981, residenti gewwa

*Silver Springs*, *Block A*, *Flat* 6, Triq il-*Labour*, Haz-Zabbar, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 271481 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b' xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament ammendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga kienet fil-pussess tieghu f' tali mod li ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, bhala persuna li m' hix ufficjal tal-habs jew persuna ohra mpjegata fil-habs, minghajr l-awtorita' legittima, dahhal jew ipprova jdahhal f' xi parti tal-konfini ta' habs xi oggett li jkun, li hu pprojbit skond xi regolamenti maghmula skond dan l-att, jew garr jew ipprova jgorr xi oggett bhal dak barra mill-habs;

3. U aktar talli kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 moghti lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-5 ta' Mejju, 2010, mill-Magistrat Dr. J. Padovani LL.D.;

4. Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien gie misjub hati b' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 t' Ottubru, 2022, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 22 (1) (a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 33 A tal-Kodiċi Kriminali, **sabet lill-imputat Saviour Cachia mhux hati tat-tieni, t-tielet, u r-raba' imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu filwaqt li sabithu hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u konsegwentament ikkundanatu ghall-piena ta' hames (5) xhur prigunerija effettiva.**

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti ordnat lill-hati Saviour Cachia sabiex ihallas l-ispejjez fl-ammont ta' Eur. 433.56[1] konnessi mal-hatra ta' l-esperti fil-proceduri odjerni fi zmien sena millum.

Il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga ezebita, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti Saviour Cachia minnu pprezentat fl-20 t' Ottubru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti jogghobha tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti fl-ismijiet *Il-Pulizija kontra Saviour Cachia (K.I. 271481 M)* moghtija fil-5 t' Ottubru 2022 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kaz nru. 256/12 fejn hija sabet lill-appellant mhux hati tat-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u thassaraha u tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u l-ordni tal-hlas tal-ispejjez. Fin-nuqqas, illi tapplika piena aktar miti u gusta fic-cirkostanzi u anki taghti sentenza li tmur taht il-minimu skont dak provdut fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bir-rizerva li jittellghu dawk ix-xhieda kollha permissibbli skont il-Ligi.

---

[1] Eur. 47.75 (relazzjoni tal-Kuntistabbli Brincat) + Eur. 385.81 (relazzjoni ta' Mario Mifsud)

Rat illi l-esponent hass ruhu aggravat bis-sentenza fejn instabet htija fil-konfront tieghu dwar l-ewwel akkuza u ghaldaqstant se jinterponi dan l-umli appell.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

I. **Sejbin ta' htija fuq l-ewwel imputazzjoni wara nuqqas ta' ragunijiet moghtija ghal tali sejbin ta' htija**

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti dwar l-ewwel imputazzjoni qalet:

*Illi mill-provi mressqa indubbjament jirrizulta li Saviour Cachia kellu fil-persuna tieghu foreign body kontenenti d-droga heroina fl-ammont ta' 2.38grammi. F' dawn ic-cirkostanzi l-ewwel imputazzjoni li tirrigwarda l-pussess xjenti tal-herojina tirrizulta pruvata skond il-ligi.*

Illi l-appellant hass ruhu aggravat illi filwaqt illi l-ewwel Onorabbli Qorti dahlet f' hafna dettal fil-kunsiderazzjonijiet taghha sabiex waslet illi sabet l-imputat mhux hati fuq il-kumplament tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih, f' dik il-parti fejn effettivament wehel hames xhur habs effettivi, l-ewwel Onorabbli Qorti kitbet zewg sentenzi (erba' linji) fejn intqal dak lil gie riportat hawn fuq minghajr ma gie spjegajt minn liema provi mressqa jirrizulta minghajr ebda dubju li l-appellant kellu tali droga fil-persuna tieghu u minghajr ma gie kkunsidrat jekk tali provi kienu ammissibbli o meno fid-dawl tan-nuqqas a' sejbien ta' htija fl-imputazzjonijiet l-ohra u anki fid-dawl ta-fatt li l-ewwel Onorabbli Qorti eventwalment skartat l-istqarrija tal-imputat. Illi l-

appellant umilment jissottometti illi l-ewwel Onorabbli Qorti kellha tindika dawk il-provi li fl-umli fehma taghha wasluha, lil hinn minn kull dubju ragonevoli li ssib htija kontra l-appellant.

II. **Illi l-appellant kellu jinghata ukoll id-dritt ta' avukat anki fl-istadju ta' meta ntalab li jsirlu ezami fiziku minn tabib dwar xi *foreign* bodies li seta' kellu fil-persuna tieghu u/jew qabel ma jaghzel li jaghmel il-bzonnijiet tieghu fil-prezenza ta' ufficjali u/jew tobba**

Illi l-appellant umilment jissottometti illi kienu nkissru d-drittijiet tieghu meta ntalab illi jigi ezaminat minn tabib u/jew konsegwentement jaghmel il-bzonnijiet tieghu sabiex jigi konstatat jekk kellux o meno fil-perusna tieghu *foreign body* i.e. drogi, li kienet xi haga li se tinkriminah, qabel ma jintalab il-kunsens tieghu hu kellu jinghata d-dritt, fil-minimu, li jikkonsulta ma' avukat qabel ma jaghti jew ma jaghtix kunsens lli jigi ezaminat minn tabib u/jew ikun hemm xi hadd prezenti meta jaghmel il-bzonnijiet tieghu u fin-nuqqas li jaghti tali kunsens il-Magistrat tal-Ghassa jintalab illi tinghata ordni mill-istess Magistrat li jigi ezaminat u jkun hemm xi hadd prezenti mal-appellant sakemm jaghmel il-bzonnijiet tieghu. Gjaldarba tali dritt ma nghatax inkisssru d-drittijiet tal-appellant li spicca nkrimina ruhu minghajr ma nghatalu d-dritt t' avukat skont il-Ligi. Ghaldaqstant ma kellhiex tinstab htija fi-cirkostanzi fil-konfront tieghu.

III. **Minghajr pregudizzju ghall-ewwel u t-tieni aggravju, jezistu cirkostanzi li jimmeritaw li dina l-Onorabbli Qorti tapplika d-diskrezzjonalita` taghha u taghti piena anqas mill-minimu skont l-Artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

L-appellant umilment jissotometti illi l-akkuzi marbutin ma' dan il-kaz imorru lura ghat-12 t' Ottubru 2010. Minn dakinhar tar-reat sal-ghoti tas-sentenza ghaddew tnax-il sena. Dak iz-zmien l-esponent kellu problema akuta ta' droga minhabba problemi li kienu wasluh anki jispicca l-isptar psikjatriku ta' Monte Karmeli.

Illum-il gurnata, minkejja l-problema tal-hajja li jiffaccja u apparti li jbati minn *bipolar affective disorder* u ADHD u ricentement anki tilef lil missieru lil kellu relazzjoni difficli mieghu, l-esponent sab certu stabbilita` f' hajtu tant li zzewweg u sab xoghol u qed jaghmel minn kollox sabiex jibqa' jindirizza l-problemi li jiffaccja anki bl-ghajnuna ta' numru ta' professjonisti li qed jassisstuh anki f' kaz li bhalissa ghandu flimkien ma' martu fejn uliedu qeghdin fil-kura tal-Istat sakemm hu u martu jimxu ma' *Care Plan* li huma qablu li jaghmlu u li qed jipprovaw l-ahjar taghhom biex huma jsegwu.

Barra minn hekk, ricentement u cioe' fit-13 ta' Jannar 2022, l-appellant inghata Ordni ta' Probation u Trattament fil-kaz numru 432/18 VG wara li dik l-Onorabbli Qorti qieset:

*… l-fatt li mix-xhieda ta' l-istess Probation Officer Marianne Zammit,* ***l-imputat jidher li qed jagħmel l-għalmu kollu tiegħu biex jiffaċċja u jittratta l-problemi tiegħu u jidher ukoll li qed jgħix ħajja iktar stabbli****.*[2]

---

[2] Emfazi mizjud mill-appellant

Jirrizulta ghalhekk illi l-appellant qed jipprova l-ahjar li jista' sabiex jindirizza u jtejjeb hajtu u ghaldaqstant l-appellant jemmen li dina l-Onorabbli Qorti ghanda tapplika d-diskrezzjonalita` taghha taht l-Artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li tisma' dawk il-provi permissibbli skont il-Ligi anki sabiex tikkostata l-andament tal-appellant minn diversi professjnisti li qed isegwuh sabiex taccerta ruhha dwar dak illi qed jinghad sabiex jekk dan kollu li intqal jigi kkonfermat l-*momentum* posittiv tal-appellant ma jintilifx f' kaz illi jintbaghat habs effettiv.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

**Jinghad *ab initio* li minkejja li din il-kawza ilha pendenti mis-sena 2010 l-istess kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta <u>nhar il-15 ta' Dicembru 2022</u> u ghalhekk kwalisiasi dewmien li seta' kien hemm f'din il-kawza m'ghandux jigi attribwit lil din il-Qorti kif preseduta.**

Din il-Qorti rat illi fl-ewwel aggravju l-appellant jistqarr li ma missux instab hati tal-ewwel akkuza stante li ma kienx hemm provi ammissbli li jobtuh mar-reat in dezamina u cioe' pussess tad-droga eroina.  Illi ghalhekk din il-Qorti trid tezamina l-provi kollha imesqa qabel ma tigi biex tanalizza l-aggravji sollevati mill-appellant.

**Ps 285 Jeffrey Cutajar** xehed nhar id-9 ta' Lulju 2013 u esebixxa l-okkorenza li giet mmarkata bhala dok JC. Jghid li kienu infurmawh mill-Facilita' Korretiva ta' Kordin illi kellhom suspett li Saviour Cachia kellu xi haga fil-warrani tieghu. Hu accetta l jigi spezzjonat mit-tabib u cioe' minn Dr. Tonna tal-habs fejn dan min naha tieghu kkonferma li Cachia kellu xi haga. Sussegwentament ghamlu *observation* mieghu u meta ghamel il-facendi tieghu instab l-oggett. Jikkonferma li huwa ma rax l-oggett u ma jafx jekk l-Ispettur fetahx l-inkjesta relattiva. Dak iz-zmien l-oggett kien jigi moghti lill-ispizjar mill-ewwel.

**CO165 Dennis Thornton** jispjega li fit-12 t' Ottubru, 2010 kien sehh incident gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Jiftakar li kien ghajjatlu is-sur Zahra l-ufficcju tieghu u kien hemm prezenti  Saviour Cachia u qallu li Cachia ghandu xi affarijiet fil-parti tieghu u li kien lest li itihilhom basta lilu. Dahal fic-cella li kien hemm vicin l-ufficcju tal-SRT u Cachia tah l-affarijiet. Mistqosi x'kienu l-affarijeit jghid li kien qisu ballun imgebbeb bil-plastic. Qallu li kienet droga. Mistqosi jgharafx lill-akkuzat jghid li jgharfu bhala Saviour Cachia.

**PC 1523 Frederick Brincat** jikkonferma li kien ghamel relazzjoni tieghu wara li kien gie nominat bhala *Scene of the Crima Officer*. F'din ir-relzzjoni jghid li hemm tlett ritratti bil-kulur li juru pakkett tal-plastic forma ta' kapsula, liema ritratt kien gie indikat lili

mill-ispettur Alexander Grech gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' Raha Gdid u dan ghamlu sabiex wara l-oggett gie mghoddi ghand l-analista ghal aktar investigazzjoni.

**Dr Joseph Tonna** xehed u qal li jahdem id-Detox tal-Pieta' kif ukoll il-habs. Lura ghas-sena 2010 kien sehh incident fejn kien involut l-akkuzat Saviour Cachia. Jghid li kienu tellaghlu zewg prigunieri li kellhom fuqhom suspett ta' droga .Kien ezaminhom it-tnejn u wiehed minnhom cioe' Saviour Cachia waqt li kien qed jigi ezamiant fil-parti tieghu u cioe' fuq il-parti ta' wara, hu  kien hass xi *foreign body*, xi haga li ma kienitx f'postha hemmhekk u kienu irreferewh ghal xi *x-rays.* Il-prigunier kien ta' l-kunsens tieghu biex jigi ezaminat. Mistoqsi jekk kienx stabilixxa x'kienet din il-*foreign body* jghid li ma irnexxilux johrogha il-barra u ghalhekk ma stabilixiex x'kienet. Sa fejn jaf hu pero li wara l-akkuzat ghaddiha mal-porga tieghu skond ma intqal lilu. L-akkuzat ma kienx qallu x'kienet il-*foreign body*. Mieghu ma kienx ammetta li kien hemm xi haga.

Ix-xhud rega xehed nhar is-7 ta' Lulju 2015 u rega kkonferma li huwa kien hass *foreign body* fil-warrani tal-akkuzat meta kien ezaminah pero' l-akkuzat ma kienx ammetta mieghu li kellu *foreign body*. Jghid li huwa ma harigx il-*foreign body* u ghalhekk ma jafx fiex kienet tikkonsisti. Meta l-akkuzat ghadda il-*foreign body* mal-ippurgar tieghu huwa ma kienx mieghu u ma rahiex.

**Spettur Jurgen Vella** ikkonferma li l-kaz imur lura lejn Ottubru 2010 ghall-habta tas-6.30 p.m. Huwa ha l-istqarrija ta' Saviour Cachia nhar id-9 ta' Jannar 2012 u qabel ma ha l-istqarrija kien tah id-dritt tas-silenzju kif ukoll id-dritt li jikkonsulta m'avukat. Huwa kien iffirma id-dikjarazzjoni tar-rifjut ghall-assistenza t'avukat. Fl-istqarrija l-akkuzat kien ammetta li dakinhar f'Ottubru 2010 kellu vista mit-tfajla tieghu Diane

Pace fejn f'hin minnhom il-gwardjani qabduh, itterminawlu l-vista dak il-hin u haduh fl-MI room wara li kellhom suspett li l-akkuzat setgha kellu xi haga fi'gismu li kienet droga.

FL-istqarrija spjega li verament dan kelllu d-droga fil- warrani tieghu. Kien stqarr li din id-droga kien xtraha bil-prezz ta' mitejn euro (€200) pero meta staqsewh minn fejn gabha kien innega li kienet it-tfajla li ghadditielu waqt il-vista. Huwa kien stqarr anzi li kien hemm prigunier f'Divizjoni 12 illi kien ghaddijielu qabel ma kellu din il-vista. Kien stqarr li Diane ma kienitx taf li kien qed jiehu d-droga gewwa l-habs anzi kien jghidilha li kien qed jirriabilita ruhu u meta kien ezaminah it-tabib huwa kien qalaghha minn jeddu u ghaddiha lill-ufficcjali tal-habs.

Jghid li kien ha stqarrija ukoll ta' Diane Pace fejn din innegat li kienet ghaddietlu d-droga. Kienet qalet li waqt il-vista il-gwardjan tal-habs kien dahal fuqhom ghall-**gharrieda** fejn habta u sabta qabdu lill-akkuzat u haduh maghhom u qalulha li l-vista kienet ser tigi terminata.

Muri stqarrija esebta fl-atti a fol. 3 tal-process jghid li dik hija l-istqarrija li kien hadlu fid-9 ta' Jannar 2012. Huwa esebixxa sentenza moghtija fil-konfront tal-akkuzat appellant datata 5 ta' Lulju, 2010 li giet mmarkata bhala dok JV2.

**L-Ispizjar Mario Mifsud** xehed nhar il-15 ta' Dicembru 2014 u muri d-dokument mmarkat bhala dok MM a fol. 29 tal-process jghid li din hija r-relazzjoni tieghu. Jghid li kien ikkonkluda li kienu instabu 2.38 grammi li fihom instabet is-sustanza Eroina u

l-purita kienet ta' 21% Fil-fatt instabu zewgt iqratas wiehed 0.77 grammi u l-iehor 1.6 grammi. Id-droga ma kienitx imqassma fi qratas.

L-**Ufficcjal tal-Probation Maryanne Zammit** xehdet nhar il-25 ta' Ottubru 2017 u kkonfermat li kienet ilha issegwi lill-akkuzat fuq Ordni sa mis-sena 2013. Ipprovat tahdem hafna mieghu izda tara li ghandu instabbilta. Hi qalet illi jaghmel perjodi li jkun sejjer mhux hazin u ohrajn le. Tghid li ghandu familja bi tlett itfal u ghandu certu responsabbilita.' Spjegat li kellu argument mal-psikjatra u gie' *diagnosed* li jbati minn ADHD u minkejja li kien qed jiehu t-trattament xorta baqa' ihoss dik l-aggressivita u impulsivita. Qal li kien jinsab fl-ASU biex jikkontrolla l-*behaviour* tieghu u kellu jilhaq certu livell ta' motivazzjoni u ta' stabbilta' dwar il-mod ta' kif jahseb u jagixxi. Tghid li kien jiehu d-droga eroina pero' fiz-zmien li xehdet mhux suppost li kien qed jiehu.

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tal-11 ta' Lulju, 2022 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fejn l-appellant talab lill-Qorti sabiex tiskarta l-istqarrija rilaxxata stante li di giet riaxxata minghajr ma l-akkuzat ma inghata id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt ir-rilaxx taghha. Il-prosekuzzjoni irrimetiet ruhha ghal tali talba. Il-Qorti fis-sentenza taghha ghar-ragunijiet hemm imsemmija iddecidiet li tiskarta l-istqarrija u ma saret l-ebda referenza ghaliha fis-sentenza li inghatat.

Fil-fatt l-Ewwel Qorti ikkonkludiet dwar it-talba li l-istqarrija tigi sfilzata billi qalet is-segwenti:

*"Fil-kaz in desamina, mill-qari ta' l-istqarrija hawn fuq imsemmija jirrizulta li l-imputat inkrimina lilu innifsu rigward l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu. Konsegwentement din il-Qorti ser tiskarta l-imsemmija stqarrija meta tigi biex tanalizza r-reita tal-imputat fid-dawl tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu."*

Illi r-raguni ghaliex l-Ewwel Qorti skartat l-istqarrija hija fondata fuq il-fatt li l-akkuzat appellant ma kienx assistit minn avukat waqt ir-rilaxx taghha u ghalhekk tali stqarrija hija leziva tad-drittijiet fundamentali tieghu.

Ikkunsidrat,

Fir-rigward tal-**ewwel aggravju** l-appellant qieghed jargumenta illi l-Ewwel Qorti naqqset milli taghti r-ragunijiet ghas-sejbien ta' htija tieghu. Minghajr telf ta' zmien din il-Qorti tghid illi l-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali ma jistipulax illi sentenza ghandha tkun motivata. Minkejja li hu rakkomandabbli u desiderabbli mhux rikjest sine qua non ghall-ezistenza tas-sentenza. Fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joslann Brignone**[3] il-Qorti tal-Appell espremiet is-segwenti hsieb fuq dan il-punt:

[3] Deciza mill-Imhallef Joseph Galea Debono mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Frar, 2007.

*'Qed jigri ta' spiss fil-Qrati tal-Magistrati - w partikolarment fl-awla li minnha emanat is-sentenza appellata - li kawzi ta' certa portata w gravita' qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni kwalsiasi. Illi hu minnu li, kif inhi l-ligi - bl-emendi kollha bis-sulluzzu li saru fil-Kodici Kriminali f' dawn l-ahhar tlitt decenni w li mhux dejjem saru b' koerenza mall-hsieb inizjali tal-Kodici kif kien koncepit - in-nuqqas ta' motivazzjoni ma jgibx per se in-nullita' expressis verbis ta' tali sentenzi ghax il-motivazzjoni mhix wahda mir-rekwiziti mehtiega ad validitatem fl-art. 382 tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex meta saru dawn l-emendi kollha, ma saret ebda emenda li tkopri l-kontenut ad validitatem ta' sentenzi f' kawzi fejn l-akkuzi jkunu johorgu mill-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif kontemplata fl-art. 370 tal-istess Kodici w partikolarment fejn jew l-Avukat Generali jkun ta' l-kunsens tieghu biex jigu decizi bi proceduri sommarji jew fejn, wara li l-atti tal-kumpilazzjoni jigu rimessi lilu, jipprezenta n-nota blartikoli li tahthom jidhirlu li tista' tinstab htija biex il-kaz, fl-assenza ta' oggezzjoni tal-imputat, jigi gudikat minn dik il-Qorti. Jidher li hemm lok li ssir emenda li biha jkun rikjest li ssir xi forma ta' konsiderazzjoni, hsieb jew moitivazzjoni f' dawn is-sentenzi. Pero' mhux l-ewwel darba li - kif gara f' dan il-kaz – f' din l-Awla partikolari, kawzi serjissimi qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni w cioe', wara li jigi rikapitulati l-akkuzi, il-Qorti tghid :-*

*"Ikkonsidrat"*

*"Ghal dawn il-motivi" (bla ma tkun semmiet l-icken motiv wiehed) issib jew ma ssibx htija skond l-akkuzi.*

*Illi tali stezura, apparti li ma taghmilx sens mil-lat logiku, zgur li hija ghal kollox karenti minn dak li hu mistenni ordinarjament mill-gudikant meta jkun qed jiddeciedi kawzi bhal dawn u taghmilha difficli kemm ghall-parti vincitrici li ssostni w tiddefendi s-sentenza appellata kif ukoll ghall-parti sokkombenti li tintavola appell kontra motivazzjoni fantomatika, li forsi tkun tezisti biss f' mohh il-gudikant Inoltre fejn il-Qorti tal-Appell thoss li jkun il-kaz li tikkonferma s-sejbien ta' htija w l-piena erogata, jkollha ta' spiss taghmel ix-xoghol tal-Qorti tal-Magistrati hi stess billi timmotiva ghall-ewwel darba tali sejbien ta' htija w piena. Din il-prattika ghalhekk hija wahda rregolari w trid tigi evitata ghax qed twassal ghal stultifikazzjoni tal-operat tal-Qorti involuta.'*

Di piu' fis-sentenza **Il-Pulizija vs Elton Abela**[4] deciza nhar it-28 ta' Jannar 2005 ġie ddikjarat is-segwenti:

***'Il-fatti li l-artikolu 382 jirreferi ghalihom huma l-fatti tar-reat u mhux, kif jippretendi l-appellant, il-fatti li jiggustifikaw il-kundanna ossia l-motivazzjoni.*** *Fis-sentenza appellata l-fatti tar-reat huma effettivament elenkati fil-bidu nett. L-ewwel Qorti mbaghad ghaddiet biex telenka l-artikoli tal-ligi relattivi ghal dawk ir-reati kollha u ddikjaratu hati wara li qalet li kienet semghet ix-xhieda kollha u ezaminat id-dokumenti esibiti.* ***Dak li kellha f'mohha l-ewwel Qorti huwa car, cioe` li kienet qed issib ilhtija ghall-imputazzjonijiet kollha peress li ma ghamlet l-ebda kwalifika, u wiehed m'ghandux ghalfejn janalizza s-sentenza biex jipprova jiddetermina ta' x'hiex hija kienet qed issib lill-appellant hati.'***

---

[4] Deciza mill-Imhallef David Scicluna mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Ghaldaqstant, ghalkemm ikun dejjem ahjar li sentenza tkun wahda motivata, kif diga gie ritenut, dan mhux rikjest ghall-ezistenza tas-sentenza u ghalhekk din il-Qorti qedgha tichad l-ewwel aggravju tal-appellant.

Permezz tar-rikors tal-appell tieghu quddiem din il-Qorti, l-appellant sostna fit-**<u>tieni aggravju</u>** tieghu li kif l-Ewwel Qorti skartat l-istqarrija tieghu messha ukoll skartat ir-rizultat li kellha mill-ezami intimu li hija ghamlet fuq l-appellant u cioe' meta gie akkumpanjat fil-kamra vicin l-ufficcju tal-SR biex l-*foreign body* li kien ikkonstata Dr Joe Tonna jigi estratt mill-gisem tal-appellant. Illi hawnhekk ukoll l-akkuzat appellant isostni li l-prosekuzzjoni kellha l-obbligu li taghti id-dritt lill-appellant sabiex ikun assistit minn avukat.

Din il-Qorti sejra tghaddi sabiex taghmel referenza ghall-Artikolu 355AP tal-Kodici Kriminali li fil-fhema taghha japplika ghall-kaz odjern u jistipula s-segwenti:

> *'55AP. Meta l-uffiċjal li jagħmel l-arrest jew l-uffiċjal tal-kustodja jkollu suspett raġonevoli li l-persuna arrestata setgħet ħbiet fuq il-persuna tagħha xi droga li l-pussess illegali tagħha jikkostitwixxi reat kriminali jew xi oġġett ieħor li uffiċjal tal-kustodja huwa awtorizzat b'dan il-Kodiċi jew b'xi liġi oħra li jaqbad mill-pussess ta' persuna arrestata, dak l-uffiċjal jista' jitlob lil Maġistrat biex jordna perkwiżizzjoni intima tal-persuna arrestata.'*

Kif jirrizulta mill-atti processwali l-appellant kien il-habs u kien qieghed waqt vista' mat-tfajla tieghu meta gew l-ufficjali tal-habs ghalih ghaliex kellhom suspett li dan kellu d-droga fuq persuntu. Artikolu 6 tar-Regolamenti tal-Habs L.S. 260.03 jipprovdi hekk:

*6. (1) Mad-dħul tiegħu fil-ħabs u wara dan **kull meta jitqies li jkun meħtieġ, għandha ssir tfittxija fuq kull priġunier b'dak il-mod u minn dawk l-uffiċjali tal-ħabs li d-Direttur iqis li jkunu xierqa**.*

*(2) It-tfittix fuq priġunier għandu jsir b'osservanza kif imiss tad-deċenza u tad-dinjità personali u bl-aktar mod dekoruż li jkun konsistenti mal-ħtieġa ta' kxif ta' xi oġġett moħbi.*

***(3) Priġunier jista' jiġi ordnat jinża' ħwejjġu sabiex issirlu tfittxija kif provdut fis-subregolament (4). Il-priġunier jista' waqt dik it-tfittxija jeħtieġ il-preżenza ta' uffiċjal tal-ħabs ieħor disponibbli.***

***(4) (a) Id-Direttur jista' jordna tfittxija, inkluża spezzjoni viżwali tal-kavitajiet tal-ġisem, sabiex jiġi żgurat li l-priġunier ma jkunx qed iġorr fuqu xi oġġett projbit.***

***(b) Id-Direttur jista' bil-miktub jordna spezzjoni diġitali jew strumentali tal-kavitajiet anali jew vaġinali tal-priġunier sabiex jiġi żgurat jekk il-***

***priġunier ikunx qed iġorr xi oġġett projbit hemmhekk, u jista' bl-istess mod jordna kull test jew proċedura raġonevoli sabiex jiġi żgurat jekk priġunier ikunx qed iġorr fuqu xi ħaġa f'xi kavità tal-ġisem. Dawn it-tfittxijiet u t-testijiet għandhom isiru minn membru tas-Servizzi Mediċi tal-Ħabs fl-infermerija jew post ieħor adattat.***

*(5) Id-Direttur għandu jżomm reġistru ta' kull tfittxija ordnata taħt is-subregolament (4), waqt li jindika fih il-priġunier imfittex u r-raġunijiet għall-ordni tat-tfittxija, kif ukoll ir-riżultati ta' dik ittfittxija.*

*(6) Kull tfittxija fuq il-persuna għandha ssir minn uffiċjal talħabs tal-istess sess, f'post privat u moħbija minn għajnejn persuni oħra*

Din il-Qorti jidrilha li l-Artikoli sucitati jitkellmu wahedhom. Oltre minn hekk, sejra taghmel referenza ghal sentenza ricenti fl-ismijiet **Marouska Azzopardi vs l-Avukat tal-Istat** deciza nhar is-26 t' Ottubru, 2022, fejn il-Qorti Kostituzzjonali pprovdiet is-segwenti:

*15. Il-Qorti żżid li dan il-każ hu differenti minn dak fejn il-liġi tipprovdi li s-suspettat għandu l-jedd tas-silenzju fir-rigward tar-reat li jkun suspettat li wettaq. Dan ma kienx każ fejn l-attriċi ġiet interrogata mill-awtoritajiet tal-ħabs u rrilaxxat stqarrija. Id-dritt tas-silenzju hi għażla li l-liġi tagħti lis-suspettat sabiex jekk irid jirrifjuta li jwieġeb għad-domandi li jsirulu u b'hekk ma jinkriminax lilu nnifsu. L-ewwel Qorti semmiet is-sentenza* ***Saunders v. United Kingdom*** *li tat il-QEDB fis-17 ta' Diċembru, 1996. Dak il-każ kien jitratta dwar l-użu ta' stqarrijiet*

*f'proċeduri kriminali.* ***Pero` l-ewwel Qorti m'għamlitx distinzjoni bejn il-jedd għas-silenzju tas-suspettat u materjal li jista' jinġabar b'mod indipendenti mir-rieda tas-suspettat. F'dik is-sentenza l-QEDB qalet:***

*"69. The right not to incriminate oneself is primarily concerned, however, with respecting the will of an accused person to remain silent. As commonly understood in the legal systems of the Contracting Parties to the Convention and elsewhere,* ***it does not extend to the use in criminal proceedings of material which may be obtained from the accused through the use of compulsory powers but which has an existence independent of the will of the suspect*** such as, *inter alia, documents acquired pursuant to a warrant, breath, blood and urine samples and bodily tissue for the purpose of DNA testing".*

Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza **O'Halloran and Francis vs the UK**[5] li wkoll ghamlet referenza ghas-sentenza ta' *Saunders*, li saret referenza ghaliha *supra*:

*'47. The case of Saunders concerned the use at the applicant's criminal trial of statements which had been obtained under legal compulsion under the Companies Act 1985. The domestic provisions required company officers to produce books and documents, to attend before inspectors and to assist inspectors in their investigation on pain of a fine or committal to prison for two years. The Court referred to the cases in John Murray and Funke, and found that the right not to incriminate oneself was primarily concerned with respecting the will of an accused person to remain*

[5] App nos. 15809/02 and 25624/02 (QEDB, deciza nhar id-29 ta' Gunju, 2007.

*silent.* ***<u>It did not extend to the use in criminal proceedings of material which may be obtained from the accused through the use of compulsory powers but which had an existence independent of the will of the suspect, such as breath, blood and urine samples.</u>*** *The Court held that the question whether the use made by the prosecution of the statements obtained from the applicant by the inspectors under compulsion amounted to an unjustifiable infringement of the right "had to be examined in the light of all the circumstances of the case": in particular, it had to be determined whether the applicant had been subjected to compulsion to give evidence and whether the use made of the resulting testimony offended the basic principles of a fair procedure under Article 6 § 1 (see Saunders, cited above, §§ 67 and 69).*

Ghalhekk, in vista ta' dak kollu ritenut *supra,* din il-Qorti qedgha tichad ukoll it-tieni aggravju mressaq mill-appellant.

**<u>It-tielet aggravju</u>** mressaq mill-appellant jirrigwardja l-piena mposta mill-Ewwel Qorti. L-appellant qieghed jitlob lil din il-Qorti li taghti piena anqas mill-minimu skont l-Artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif imfisser fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Tarquin Vella</u>** moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta, l-ġustifikazzjoni tal-piena fl-ezercizzju tad-Dritt Penali modern hija ppernjata fuq tliet principji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :

(a) Retributtiv;
(b) Preventiv; u
(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

F'sentenza deciza minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **il-Pulizija vs Gilbert Bezzina**[6] din l-istess Qorti enfasizzat is-segwenti:

> *'L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-gurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni ghal kif kienet qabel ma sehhet il-hsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-hati jrid jaghmel tajjeb ghall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paci u trankwillita' socjali.*

> *L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biza li s-sanzjoni li tkun tista' tinghata tohloq f'mohh il-persuni, b'mod li dak li jkun jerga jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem iehor, minabba l-biza li tehel il-piena, persuna tigi mgeghela tixtarr sew il-konsegwenzi t'eghmilha qabel ma twettaq l-att hkriminuż. L-effett preventiv ghalhekk huwa duplici: wiehed ta' natura generali u l-iehor ta' natura specjali.*

> *L-effett preventiv generali huwa dak li bis-sahha tal-ligi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita tigi kemm jista' jkun mizmuma milli tikkommetti reati minhabba l-biza li tinkorri fil-piena jekk tinstab hatja. Aktar ma dik il-piena tigi*

[6] Deciza nhar is-16 t' Ottubru 2020

*applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv generali jkun lahaq il-mira tieghu. L-aspett preventiv specjali huwa dak li japplika ghall-hati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerga jahsibha sew qabel ma jagħzel li jikser il-Ligi. Jekk il-kollettivita titlef din il-biza mill-piena minhabba li l-Ligi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minhabba li l-pieni ma jigux applikati bir-rigorosita dovuta ghall-fattispecie tal-kaz, allura ma jkun hemm xejn li jgiegħel lill-kollettivita milli tiddezisti ghax jekk tiddelinkwi minghajr konsegwenza jew b'konsegwenza zghira, isir konvenjenti ghall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal ghal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti ghall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura tehtieg li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaci mehtieg ghall-ezistenza pacifika tal-istess kollettivita. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkoncentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-htija specifika tal-hati u li ghaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-hati li hu proprju dak li jikkoncerna lil din il-Qorti specjalmet fil-kaz ta' reati kommessi minn teenagers kif inhu dan il-kaz. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa krucjali ghall-kollettivita in kwantu jghin lill-hati jghaddi minn process ta' riforma tieghu innifsu biex jghinu jinqata' mir-ragunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jaghraf iqum fuq saqajh, billi jibni hajtu mill-gdid u ma jibqax aktar ta' theddida ghas-socjeta' bhal meta kien filmument meta jkun iddelinkwa.*

*F'dan il-kuntest il-piena ghandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-hati. Izda aktar minn hekk il-hati ghandu jkollu dawk l-istrutturi mahsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jigi mghejjun itejjeb l-*

*imgieba tieghu b'mod li ghalhekk ikun jista' jerga jigi reintegrat fis-socjeta, billi jigi riedukat, imħeggeg jizviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tieghu, inkoraggit jahdem biex ikollu biex jerga jibni hajtu, jkollu biex jghix dicenti, ma jkollux ghalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn ghad-danni li jkun ikkawza b'eghmilu. F'dan is-sens allura Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, ghalkemm ghandha effikacja repressiva.'*

Il-gurisprudenza prevalenti, tghallem li meta Qorti tigi biex terroga piena trid tiehu kont tac-cirkostanzi kollha li jsawru l-kaz, jigifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita' kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-hati. F'dan is-sens, kemm il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliza tistabbilixxi li fl-eżercizzju ta' revizjoni imholli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistharreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis ic-cirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setghet kienet f'qaghda li tara, kif ukoll, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

L-appellant mhux jargumenta illi l-piena nflitta mhix fil-parametru tal-ligi, madankollu qieghed isostni illi ghandu jigi applikat l-Artikolu 21 tal-Kap. 9 sabiex hu jkun jista' jgwadi minn sentenza iktar miti. Dan l-Artikolu jipprovdi s-segwenti:

*'21. Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 492, il-qorti tista', għal raġunijiet speċjali u straordinarji li għandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza, tagħti dik il-piena iżgħar li, fid-diskrezzjoni tagħha, tkun tixraq, għad illi jkun hemm stabbilit l-anqas piena fl-artikolu li jsemmi dak ir-reat jew taħt iddispożizzjonijiet tal-artikolu 20, mingħajr ħsara taddispożizzjonijiet tal-artikolu 7.'*

Din il-Qorti jidrilha illi ma jezistux ragunijiet genwini bizzejjed sabiex il-piena tigi mnaqqsa jew riformata. Ghalkemm huwa minnu illi dan il-kaz ilu jkarkar snin, hafna mid-dewmien huwa attribwit lill-istess appellant ghaliex ma kienx jidher quddiem l-Ewwel Qorti u ghalhekk kellha tohrog mandat fil-konfront tieghu. Oltre, minn hekk, mis-sentenza tal-Ewwel Qorti l-quddiem ma jidhirx li kien hemm bdil fic-cirkostanzi.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, din il-Qorti qiedgha tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fl-intier taghha u ghalhekk qiedgha tichad l-aggravji kollha mressqa mill-appellant Saviour Cachia.

**(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imhallef**

**Vera kopja**

**Adrian Micallef**

**Deputat Registratur**